MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## GIANNINO CARUANA DEMAJO

## ONOR. IMHALLEF

## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2015

Appell Civili Numru. 152/2015/1

**Liza Delia**

**v.**

**Ir-Registratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali (Malta) u**

**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat li fl-4 ta' Mejju 2005 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti tal-Familja kkundannat lil Liza Delia ghal gimgha detenzjoni ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti.

**2.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Liza Delia tas-6 ta' Mejju 2015 li bih, ai termini tal-Artikolu 1003(2) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) appellat mid-digriet fuq imsemmi u ghar-ragunijiet moghtija fir-rikors tal-appell taghha talbet li din il-Qorti tirriforma d-digriet appellat billi minflok ikun applikat l-Artikolu 998 tal-Kodici msemmi, bl-ispejjez.

**3.** Rat l-atti kollha relattivi u opportuni.

**4.** Trattat l-appell.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

**5.** Ir-rikorrenti appellanti ssostni li hija giet kundannata ghal gimgha detenzjoni peress li naqset milli tidher il-Qorti ghal seduta li fiha kellha twiegeb ghal akkuzi konnessi ma' nuqqas t'access lil missier binthom. Tirrileva wkoll li

fl-istess data hija kellha tliet kawzi ohra bil-konsegwenza li hija spiccat ikkundannata komplessivament ghal erba' gimghat detenzjoni u ssottomettiet li fil-fehma taghha l-kundanna ta' gimgha detenzjoni f'kull kawza li kellha kienet wahda eccessiva meta normalment il-Qorti tordna l-hrug ta' mandat t'arrest jew akkumpanjament ai termini tal-Artikolu 998 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

**6.** L-appellat Avukat Generali wiegeb in linea preliminari li l-appell hu infondat u semplicement frivolu u vessatorju u li ghalhekk ghandu jigi michud bl-ispejjez doppji peress li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza tisma' u tiddeciedi appelli minn digrieti tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali izda ghandha kompetenza tisma' u tiddeciedi appelli minn decizjonijiet u sentenzi kif preskritt bis-sahha tal-Artikoli 34, 41(6), 42, 44 u 49 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**7.** Id-digriet appellat, izda, huwa digriet li jikkundanna lill-appellanti ghal disprezz u hemm qbil bejn il-partijiet li l-kundanna hija ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti. Id-dispozizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw in generali d-disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, anki jekk fil-kuntest ta' proceduri kriminali, huma dawk li jinsabu taht it-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12). Fid-digriet appellat ma gie indikat ebda artikolu tal-ligi in sostenn tal-kundanna ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti u l-appellati ma kienux f'pozizzjoni li jindikaw xi dispozizzjoni specifika li tahtu seta' inghata

d-digriet appellat. Din il-Qorti, ghalhekk, ma tistax taghmel mod iehor hlief tikkonkludi li l-kundanna ghal disprezz li tinsab appellata f'dan l-appell inghatat skont id-dispozizzjonijiet tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

**8.** Skont l-Artikolu 1003(2), taht it-Titolu XVII imsemmi, fil-kazijiet kollha ta' sentenzi moghtija taht l-istess Titolu XVII appelli minn sentenzi ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti, li ma jkunux sentenzi moghtija taht l-Artikoli 990 jew 991 tal-Kap. 12, jista' jsir appell "lill-Qorti tal-Appell".

**9.** Gia` gie ritenut li l-"Qorti tal-Appell" li ghaliha hemm riferenza fl-Artikolu 1003(2) tal-Kap. 12 hija din il-Qorti u ebda qorti ohra[1]. Fit-trattazzjoni orali l-appellati ssottomettew li d-decizjoni appellata ma inghatatx taht it-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) izda ma indikawx taht liema dispozizzjoni legali ohra setghet inghatat l-istess decizjoni. Ghalhekk, kif inghad, din il-Qorti jkollha tinferixxi li d-decizjoni appellata inghatat taht it-Titolu XVII imsemmi u li ghalhekk l-appell prezenti sar sew meta sar lil din il-Qorti.

**10.** Ghalhekk l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni ta' dan l-appell qed tigi michuda.

---

[1] Ara App. **Il-Qorti Kriminali tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzira ta' Malta v. Dr. Enrico Mizzi LL.D.**, 30/6/1936 (XXIX.i.708).; App, **Il-Qorti v. Filomena Esposito**, 17/2/1987

**11.** L-appellati ssottomettew ulterjorment li l-artikolu li tahtu l-appellanti giet kundannata ta' disprezz lejn l-awtorita` tal-Qorti huwa l-Artikolu 991 tal-Kap. 12 li si tratta mill-ghemil ta' min "bi kliem jew ghemil mhux xieraq waqt is-seduta, jaghmel xi att ta' disprezz tal-qorti, jew jinsulta lil xi persuna ohra". Apparti l-kunsiderazzjoni li din is-sottomissjoni tikkontradici dik li saret oralment quddiem din il-Qorti fis-sens li d-decizjoni appellata ma inghatatx taht it-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12), u apparti wkoll il-kunsiderazzjoni jekk il-fatt li persuna ma tidhirx ghas-seduta wara tahrika ghal daqshekk jinkwadrax f'dak prospettat fl-Artikolu 991 imsemmi, minn imkien ma jirrizulta mid-decizjoni appellata li tassew l-ewwel Qorti kienet qed issib htija taht dak l-artikolu ghaliex id-decizjoni appellata ma ticcitax l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib il-htija. Anqas jista' jigi inferit, kif donnhom qed isostnu l-appellati u kieku tali inferenza tista' ssir, li l-artikolu relevanti taht it-Titolu XVII huwa necessarjament l-Artikolu 991 minhabba li s-sanzjoni applikata mill-ewwel Qorti hi dik ta' detenzjoni kif previst fl-istess artikolu ghaliex id-detenzjoni hi prevista f'artikoli ohra taht l-istess Titolu[2].

**12.** Jista' jizdied ukoll li fid-decizjoni appellata tal-ewwel Qorti, fi kwalunkwe kaz, ma hemm xejn li jindika x'kien il-fatt li jammonta ghal disprezz lejn l-awtorita` taghha u li tieghu dik il-Qorti kienet qed issib lill-appellanti hatja. Dan igib bhala konsegwenza li l-ewwel Qorti naqset milli tosserva wiehed mir-

[2] Ara e.g. Art. 994(2) u 995

rekwiziti tas-sentenza kontemplat fl-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li jipprevedi li fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha[3].

**13.** Konsegwenza ohra ta' dan kollu hi li l-Qorti ma tistax tiddetermina jekk id-decizjoni appellata hiex fil-fatt appellabbli jew le skont id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1003(1)(2) tal-Kap. 12[4].

**14.** Tenut kont li n-nuqqasijiet fid-decizjoni appellata ravvizati fil-premess huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk sollevabbli *ex ufficio* u jwasslu ghall-irritwalita` u nullita` tad-decizjoni appellata ma hemmx htiega li din il-Qorti tindirizza s-sottomissjonijiet l-ohra tal-appellanti u tal-appellati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tiddikjara d-decizjoni appellata irrita u nulla.

## < Sentenza Finali >

[3] Ara App "Wara r-rikors tal-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dr. Silvio Camilleri fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Said**", 17/6/1987

[4] *ibid*

---------------------------------TMIEM---------------------------------